

- tordna l-waqfien immedjat tal-użu tar-ritratt inkwistjoni fl-Unjoni u tirtira l-prodotti kollha tat-tabakk disponibbli għall-bejgħ fid-diversi stabbilimenti awtorizzati li jbiegħu tali prodotti u li jinkludu l-immagħni tar-rikorrent;
- tirriżerva lir-rikorrent id-dritt li jibdel it-talbiet għal kumpens tiegħu għal dannu morali u finanzjarju wara perizja mitluba permezz ta' rikors separat u komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea tan-numru ta' pakketti mibjugħha fl-Unjoni bl-immagħni inkwistjoni;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż relatati mal-proċedura, fejn huwa ppreċiżat li r-rikorrent talab il-benefiċċju tal-ghajjnuna legali.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv uniku, ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li tiżgura lill-persuni kollha d-dritt għar-rispett tad-dinjità tagħhom u għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħhom.

---

### Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2019 – Ferriera Valsabbia u Valsabbia Investimenti vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-655/19)

(2019/C 399/106)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ferriera Valsabbia SpA (Odolo, l-Italja), Valsabbia Investimenti SpA (Odolo, l-Italja) (rappreżentanti: D. Slater, Solicitor, G. Carnazza u D. Fosselard, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni, sa fejn din tirrigwarda lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 266 TFUE, kif ukoll tal-Artikoli 14 u 27(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), u tal-Artikoli 11, 12 u 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81).
  - F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jargumentaw li l-Kummissjoni ma rrimedjatx il-ksur tar-regoli tal-proċedura li l-Qorti tal-Ġustizzja kkritikat fil-konfront tagħhom fis-sentenza tal-21 ta' Settembru 2017, Ferriera Valsabbia, Valsabbia Investimenti u Alfa Acciai vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda C-86/15 P u C-87/15 P, EU:C:2017:717), li warajha l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata u ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fuq ksur tal-Artikolu 296 TFUE.
  - F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jargumentaw li l-Kummissjoni qieset li ma għandhiex kompetenza sabiex taġti deċiżjoni fuq il-ksur possibbli tal-prinċipju taż-żmien raġonevoli tal-proċedura.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur u interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikoli 41 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li wasslu għal ksur tal-liġi u għal eċċess ta' poter.
  - F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jargumentaw li l-Kummissjoni *de facto* kisret il-prinċipju taż-żmien raġonevoli tal-proċedura.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 296 TFUE, fuq motivazzjoni żbaljata u kontradittorja, u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.
  - F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jargumentaw li l-adozzjoni mill-ġdid tad-deċiżjoni kkontestata hija mmotivata bl-allegat ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni fil-proċedura, li madankollu ma jidherx li huwa suffiċjenti u huwa wkoll ivvizzjat b'diversi żbalji ta' fatt.

---

### Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2019 – Alfa Acciai vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-656/19)

(2019/C 399/107)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Alfa Acciai SpA (Brescia, l-Italja) (rappreżentanti: D. Fosselard, G. Carnazza, avukati u D. Slater, Solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni, sa fejn din tirrigwarda lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u argumenti prinċipali jikkorrispondu ma' dawk invokati fil-Kawża T-655/19, Ferriera Valsabbia u Valsabbia Investimenti vs Il-Kummissjoni.

---